**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 427/2018**

***ZP SERVICES LIMITED***

***vs.***

***GENNARO LANZA***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti li għad fadal, wara s-sentenza preliminari mogħtija minn din il-qorti b'Imħallef differenti, fis-7 ta' Marzu, 2019: (i) sabiex tikseb dikjarazzjoni li l-konvenut kiser il-kuntratt ta' impjieg li huwa ffirma magħha; (ii) sabiex il-konvenut jiġi ordnat iroddilha lura kull informazzjoni kunfidenzjali tagħha li huwa għandu f'idejh; (iii) sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallasha €9,600 f'danni prelikwidati minħabba ksur tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu; u (iv) sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallasha għad-danni li tgħid li ġarrbet minħabba ksur tan-*Non-Disclosure Declaration* li l-konvenut iffirma fl-20 ta' Diċembru, 2016;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-**4 ta' Mejju, 2018**, il-kumpannija attriċi fissret li hija kienet impjegat lill-konvenut għall-perijodu ta' sentejn b'kuntratt definit li ġie ffirmat fl-10 ta'

Awwissu, 2016. Skont il-kumpannija attriċi, fl-20 ta' Diċembru, 2016, il-konvenut temm l-impjieg tiegħu unilateralment u mingħajr raġuni tajba, u għalhekk, skont l-**artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa jrid iħallasha s-somma ta' €5,200 bħala nofs il-paga li kien ikollu jedd għaliha li kieku huwa baqa' f'dak l-impjieg sal-ġurnata miftiehma fil-kuntratt;

3. ZP Services Limited kompliet tgħid li wara li l-konvenut temm l-impjieg tiegħu, huwa għamel kuntatt ma' impjegati u klijenti tagħha b'mod illegali u malizzjuż, bl-iskop li jiġbidhom mal-kumpannija tiegħu u li jwettaq attivitajiet kummerċjali li jikkompetu ma' dawk tal-kumpannija attriċi. Hija saħqet li dan l-aġir tal-konvenut sar bi ksur tal-klawsola 7 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu għaliex huwa żamm informazzjoni kunfidenzjali tagħha wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu magħha;

4. Il-kumpannija attriċi żiedet tgħid li l-konvenut kiser ukoll id-dispożizzjonijiet tan-*Non Disclosure Agreement* iffirmat minnu fl-20 ta' Diċembru, 2016, fejn huwa ntrabat li ma jużax informazzjoni kunfidenzjali tagħha għall-gwadann personali tiegħu. Minbarra dan, il-kumpannija attriċi qalet li l-aġir malizzjuż tal-konvenut jikser id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 1124A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. ZP Services Limited sostniet li minħabba dan kollu hija ġarrbet id-danni. Hija qalet li sejħet lill-konvenut sabiex huwa jħallasha għall-ħsara li batiet, iżda dan baqa' ma resaqx għal-likwidazzjoni tad-danni. Għalhekk hija fetħet din il-kawża fejn talbet lill-qorti:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jottempora ruħu mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg iffirmat minnu mas-soċjetà attriċi;*
>
> *2. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi nofs il-paga kollha li kien ikollu jedd għaliha li kieku l-konvenut baqa' fl-impjieg għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt surriferit;*
>
> *3. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jirritorna kull informazzjoni kunfidenzjali li għandu u li tappartjeni lis-soċjetà attriċi;*
>
> *4. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas lis-soċjetà attriċi danni pre-likwidati fl-ammont ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600) bħala danni*

*kkaġunati minnu stante li l-użu tal-informazzjoni kunfidenzjali dwar impjegati u klijenti li l-konvenut kellu f'idejh irriżulta biex xi impjegati tas-soċjetà attriċi jitilqu l-impjieg tagħhom minn magħha sabiex imorru jaħdmu ma' kumpannija oħra li fetaħ il-konvenut;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef u mitejn Ewro (€5,200) li jirrappreżentaw nofs il-paga kollha li kien ikollu jedd għaliha li kieku l-konvenut baqa' fl-impjieg għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt surriferit;*

*6. Tillikwida d-danni ulterjuri spettanti lis-soċjetà attriċi konsistenti f'telf li sofriet minħabba l-aġir abbużiv tal-konvenut a tenur ta' dak provdut fin-Non-Disclosure Declaration li l-konvenut iffirma fl-20 ta' Diċembru 2016;*

*7. Tikkundanna lill-konvenut intimat sabiex iħallas kwalunkwe somma li tiġi likwidata in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 22 ta' Jannar 2017 u ittri uffiċjali datati 29 ta' Awwissu 2017 u 4 ta' Diċembru 2017 rispettivament kontra l-konvenut intimat u li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

6. Il-konvenut ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fl-**<u>4 ta' Settembru, 2018</u>**, u fiha huwa ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament l-eċċipjenti jissottometti li jirriżulta ictu oculi li l-ħames talba hija waħda frivola, malizzjuża u legalment insostenibbli propriju għaliex meta l-eċċipjenti kien għadu jinsab fi żmien ta' prova ai termini tal-istess kuntratt ta' impjieg ċitat diversi drabi fir-rikors promotur. Għalhekk, l-Artikolu 36(12) tal-Kap 452 ma jista' qatt japplika f'dan il-każ;*

*2. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-eċċipjenti ma kiser ebda obbligi u wisq aktar qatt ma għamel kuntatt ma' impjegati u klijenti tas-soċjetà rikorrenti biex iħajjarhom iħallu l-impjieg tagħhom mas-soċjetà rikorrenti u jissieħbu miegħu. Lanqas ma għandu f'idejh informazzjoni kunfidenzjali li tappartjeni lis-soċjetà rikorrenti kif qed jiġi allegat fir-raġunijiet tat-talba tar-rikors ġuramentat;*

*3. Illi in jure l-klawsola kontrattwali ċitata, u ċioè klawsola numru 7, bħala waħda mill-bażijiet tat-talba tar-rikorrenti mhix azzjonabbli għaliex hija illegali, u dak li huwa illegali ma jista' qatt ikun is-suġġett ta' kuntratt skont kif jipprovdi l-artikolu 895 tal-Kap. 16. Illi tali llegalità tiskaturixxi mill-artikolu 19 tal-Kap 452 illi jipprovdi li klawsola kontrattwali li tipprovdi lill-prinċipal id-dritt li jinfliġġi multa fuq impjegat,*

*teħtieġ il-permess preventiv tad-Direttur tax-Xogħol, liema permess ma jeżistix. Fil-ġurisprudenza ġie wkoll assodat illi dan japplika anke għal klawsoli li jidħlu fl-effett wara t-terminazzjoni tal-impjieg, għaliex kuntratt irid jinqara quid unum;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju u subordinament, l-istess klawsola ċitata hija wkoll kontra l-ordni pubbliku billi hija "in restraint of trade", u waqt it-trattazzjoni tal-kawża ssir riferenza għall-ġurisprudenza "in subjecta materia", u għalhekk hija għal darb'oħra nulla u invalida u "pro non scripta" ai termini tal-artikolu 985 ġa ċitat;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament, in facto, l-allegazzjonijiet tas-soċjetà attriċi fil-paragrafi 5 u 6 tar-raġuni tat-talba tar-rikors ġuramentat huma ġeneriċi u l-esponent jirriżerva li jwieġeb fid-dettall għal kull imputazzjoni preċiża li tista' talvolta ssirlu, iżda jiddikjara minn issa illi tali imputazzjonijiet, huma x'inhuma, ser jirriżultaw infondati fil-fatt billi ma seħħ l-ebda att ta' soliciting jew interfering da parti tal-konvenut esponent.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-partijiet l-oħra fil-kawża skont [kif] il-Qorti jidhrilha opportun.»*

7. Fis-**<u>7 ta' Marzu, 2019</u>** ingħatat sentenza parzjali minn din il-qorti, kif xort'oħra mpoġġija, fejn ġiet **<u>milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ġew miċħuda t-tieni u l-ħames talbiet tal-kumpannija attriċi</u>**, u b'hekk instab li l-konvenut m'għandux iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' €5,200 bħala nofs il-paga, li huwa kien ikollu jedd għaliha li kieku huwa baqa' fl-impjieg tiegħu sal-ġurnata miftiehma fil-kuntratt ta' impjieg;

8. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra li ma ġewx deċiżi bis-sentenza parzjali, fis-seduta tal-**<u>15 ta' Marzu, 2022</u>**;

9. Il-kumpannija attriċi ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fil-15 ta' Ġunju, 2022, filwaqt li l-konvenut ressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fl-4 ta' Lulju, 2022;

10. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, issa tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

11. Fl-10 ta' Awwissu, 2016, il-konvenut Gennaro Lanza ffirma kuntratt ta' impjieg mal-kumpannija attriċi għal perijodu ta' sentejn sabiex jaħdem bħala *Customer Service Agent* (ara paġni 10 sa 17 tal-atti tal-kawża). Il-paga tiegħu kellha tkun dik ta' €9,600 fis-sena;

12. Fi klawsola 6 ta' dan il-kuntratt, il-konvenut intrabat, li għaż-żmien ta' sena wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu mal-kumpannija attriċi, huwa ma setax, mingħajr il-permess bil-miktub tal-kumpannija attriċi, jagħmel negozju jew jipprova jagħmel negozju ma' persuni: (i) li fid-data tat-tmiem tal-impjieg tiegħu kienu klijenti jew fornituri tal-kumpannija attriċi; (ii) li kienu klijenti jew fornituri tal-kumpannija attriċi matul il-perijodu ta' sena qabel it-tmiem tal-impjieg tiegħu; u (iii) li kienu mfittxija bħala klijenti prospettivi tal-kumpannija attriċi matul il-perijodu ta' sena qabel it-tmiem tal-impjieg tiegħu u li l-kumpannija attriċi kienet għadha ma ddeċidietx li tieqaf tipprova tiġbidhom lejha bħala klijenti;

13. Minbarra dan, f'din il-klawsola l-konvenut intrabat li ma jużax proprjetà tal-kumpannija attriċi għall-użu privat tiegħu sakemm ma jkollux il-permess bil-miktub mill-*Managing Director* tal-istess kumpannija;

14. Il-konvenut intrabat li f'każ li jikser il-kundizzjonijiet ta' din il-klawsola huwa jħallas lill-kumpannija attriċi somma daqs is-salarju pagabbli lilu fuq perijodu ta' sena skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu;

15. Fl-20 ta' Diċembru, 2016, il-konvenut iffirma wkoll *Non-Disclosure Declaration* (ara paġni 18 sa 20 tal-atti tal-kawża), fejn huwa ddikjara u qabel: (i) li huwa qatt ma kixef jew żamm maħżuna għalih xi informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi, u li ma jaqsamx informazzjoni bħal din ma' ħadd, kemm matul l-impjieg tiegħu u kif ukoll wara; (ii) li mingħajr il-kunsens tal-kumpannija attriċi, huwa ma jaqsamx ma' terzi, informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija li ġiet komunikata lilu jew użata minnu, la

matul l-impjieg tiegħu, u lanqas wara; (iii) li matul l-impjieg tiegħu, u kif ukoll wara, huwa ma jużax informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi għall-gwadann personali tiegħu b'tali mod li jagħmel ħsara lill-istess kumpannija; (iv) li matul l-impjieg tiegħu, u kif ukoll wara, huwa ma jidħolx f'negozju jew ma jimpjegax ruħu mal-klijenti imsemmija fl-Anness A, mehmuż mad-dikjarazzjoni; u (v) li jekk huwa jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet hawn fuq isemmija, huwa kellu jħallas danni prelikwidati lill-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €1,000,000;

16. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fl-20 ta' Diċembru, 2016, l-impjieg tal-konvenut mal-kumpannija attriċi ġie mitmum;

17. Imbagħad, fl-1 ta' Marzu, 2017, il-konvenut Gennaro Lanza, flimkien ma' Massimiliano Moroni u Italo Mainolfi, waqqaf il-kumpannija Capital Solutions Limited (ara l-memorandum tal-assoċjazzjoni f'paġni 93 sa 106 tal-atti tal-kawża);

18. Ftit aktar minn sena wara, fl-4 ta' Mejju, 2018, infetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

19. Din hija kawża fejn il-kumpannija attriċi qiegħda tallega li l-konvenut kiser kemm il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tiegħu, u kif ukoll in-*Non-Disclosure Declaration* iffirmata minnu fl-20 ta' Diċembru, 2016, għaliex skontha huwa għamel kuntatt ma' impjegati u klijenti tagħha sabiex dawn jużaw is-servizzi u jimpjegaw ruħhom mal-kumpannija tiegħu, liema kumpannija twettaq attivitajiet li jikkompetu ma' dawk tal-kumpannija attriċi;

20. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jiċħad l-allegazzjonijiet miġjuba kontrih u fit-tieni eċċezzjoni tiegħu huwa jisħaq li ma kiser l-ebda obbligi li kien intrabat bihom mal-kumpannija attriċi għaliex huwa la qatt għamel kuntatt ma' impjegati u klijenti tal-kumpannija attriċi biex iħajjarhom jidħlu f'negozju u jimpjegaw ruħhom jew jissieħbu miegħu, u lanqas ma għandu f'idejh informazzjoni kunfidenzjali li hija tal-kumpannija

attriċi. Minbarra dan, fit-tielet u fir-raba' eċċezzjonijiet tiegħu huwa jsostni li l-klawsola numru 7 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu hija illegali u nulla għaliex: (i) din ma saritx bil-permess tad-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali skont l-**artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet Malta;** u (ii) hija kontra l-ordni pubbliku għaliex hija in *restraint of trade*;

21. Din il-qorti sejra tibda billi l-ewwel tistħarreġ it-**tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-konvenut;

22. Qabelxejn il-qorti tqis li l-kumpannija attriċi u kif ukoll il-konvenut jagħmlu referenza għall-klawsola 7 tal-kuntratt ta' impjieg fir-rikors maħluf u fit-tweġiba maħlufa rispettivi tagħhom. Però din il-klawsola 7, għalkemm titkellem dwar l-informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi, ma titkellemx dwar l-impożizzjoni ta' danni prelikwidati. Fil-fatt huwa permezz tal-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg li l-konvenut ġie marbut li jħallas lill-kumpannija attriċi somma daqs is-salarju pagabbli lilu fuq perijodu ta' sena skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu, f'każ li huwa jikser din il-klawsola;

23. Issa, fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jgħid li din il-klawsola hija illegali għaliex qabel il-kumpannija attriċi daħlitha fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu, hija ma kisbitx l-awtorizzazzjoni meħtieġa bl-**artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa jisħaq li din il-klawsola mhijiex eżegwibbli għaliex skont l-**artikolu 985 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, dak li ma jista' qatt ikun oġġett ta' kuntratt huwa illegali;

24. L-**ewwel subinċiż tal-artikolu 19 tal-Kap 452**, li jinsab fit-taqsima tal-liġi li titkellem dwar il-ħarsien tal-paga, jaqra hekk:

> *«Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta –*
>
> *(a) il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u*
>
> *(b) il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur,*

*il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni.»*

25. Illi dan l-artikolu jipprovdi għat-tnaqqis mill-paga tal-impjegat permezz tal-impożizzjoni ta' multa minħabba għemejjel jew ommissjonijiet li jsiru minnu li jkunu marbuta mal-impjieg tiegħu. Biex isir tnaqqis bħal dan, il-multa dwar kull għemil jew ommissjoni li jistgħu jkunu kkastigati: (i) trid tkun speċifikata minn qabel fil-kuntratt ta' impjieg; u (ii) trid tkun ġiet approvata minn qabel mid-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

26. Issa mill-provi jirriżulta li l-kumpannija attriċi tabilħaqq qatt ma talbet l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex hija tkun tista' twaħħal multi lill-impjegati tagħha u tnaqqsilhom dawn il-multi mill-paga tagħhom (ara x-xiehda ta' Ayrton Walls f'paġni 150 u 151 tal-atti tal-kawża);

27. Il-qorti tqis li l-ġurisprudenza tal-qrati tagħna dwar x'jikkwalifika bħala multa taħt dan l-artikolu hija waħda x'aktarx kunfliġġenti. Fis-sentenza ***Mark Buġeja et v. Geoffrey Camilleri***, li ġiet deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2013, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fissret dan li ġej:

*«Issa l-imsemmi artikolu 19 jitkellem dwar meta l-kuntratt tal-impieg bil-miktub jispeċifika "bir-reqqa l-multa jew multi" li impjegat jista' jinkorri għal xi għemil jew ommissjoni. L-istess artikolu jistipula li tali klawsola trid tigi approvata mid-Direttur tax-Xogħol sabiex l-istess klawsola tkun effettiva bejn il-firmatarji.*

*Għal din il-Qorti l-klawsola in kwestjoni ma tipprovdix "bir-reqqa" għal "multa jew multi." Il-frasi "bir-reqqa" timplika li l-klawsola in kwestjoni għandha tiddisponi dwar varji tipi ta' għemil jew ommissjonijiet u tipprovdi għal kull tip ta' għemil jew ommissjoni, l-ammont tal-multa li għandha tigi imposta. Dan mhux il-każ tal-klawsola in kwestjoni li tipprovdi għal ħlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'każ li r-ritrattat (l-impjegat) jimpjega ruħu ma' klijent tar-ritrattandi wara li jkun ġie terminat l-impjieg, fi żmien stipulat minn tali terminazzjoni. Għalhekk ma jidhirx li l-klawsola in kwestjoni tinkwadra ruħha fil-provvedimenti tal-imsemmi artikolu 19. Inoltre hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li danni likwidati u miftiehma minn qabel m'għandhomx jiġu ekwiparati ma' "multi" li huma imsemmija fl-artikolu tal-liġi in kwestjoni.*

*Fil-każ in eżami l-klawsola in kwestjoni tirreferi biss għal "għemil" wieħed ċioè jekk wara t-terminazzjoni tal-impjieg fi żmien determinat, ir-ritrattat jimpjega ruħu ma' klijenti tar-ritrattandi u tipprevedi l-ħlas ta' ammont ġia miftiehem bħala danni likwidati. Tali klawsola ma tistax titqies li b'xi mod tillimita lir-ritrattat fil-professjoni jew negozju tiegħu. Din il-kondizzjoni, li ġiet aċċettata mill-impjegat (ritrattat), m'għandhiex tiġi kategorizzata bħala "inqas" jew "aktar" favorevoli għal impjegat. Barra minn hekk is-sanzjoni preveduta bil-klawsola in kwestjoni lanqas ma għandha titqies li hi "multa" ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 452. Jirriżulta ghalhekk li l-istess artikolu 19 ma kellux jiġi applikat għal każ in eżami u kwindi, fis-sentenza lamentata, il-liġi ġiet applikata ħażin. Inoltre japplika hawnhekk il-prinċipju bażilari tal-"pacta sunt servanda" u ċioè dak li jiġi pattwit jorbot lill-partijiet.»*

28. Għalhekk, f'dak il-każ, fejn l-impjegat kien intrabat li għal żmien determinat wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu, huwa ma jimpjegax ruħu ma' klijenti ta' min kien iħaddmu, u li jħallas somma determinata minn qabel bħala danni f'każ li jikser din il-kundizzjoni, il-qorti sabet li l-**artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** ma kienx jidħol fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li din il-kundizzjoni tkun approvata mid-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

29. Fi kliem sempliċi, f'din is-sentenza l-qorti kienet tal-fehma li l-awtorizzazzjoni tad-Direttur Ġenerali msemmija fl-**artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** hija meħtieġa fil-konfront ta' impjegat li jkun għadu jaħdem għall-imgħallem tiegħu u mhijiex meħtieġa meta dak il-ħaddiem ikun telaq mill-impjieg tiegħu. Minbarra dan, il-qorti kienet tal-fehma li dan l-**artikolu 19** ma japplikax meta s-sanzjoni miftiehma fil-kuntratt tal-impjieg tkun waħda li tieħu l-forma ta' danni likwidati minn qabel, għaliex l-istess artikolu ma jitkellimx dwar danni likwidati minn qabel iżda jitkellem biss dwar multi;

30. Din il-linja ta' ħsieb jidher li reġgħet ġiet imħaddna mill-istess Qorti tal-Appell, kif xort'oħra mpoġġija, fis-sentenza ***Mark Buġeja et v. Mellyora Grech***, li ġiet deċiża fis-27 ta' Mejju, 2015;

31. Madankollu, il-pożizzjoni dwar l-applikabilità tal-**artikolu 19 tal-Kap 452** inbidlet totalment meta fis-sentenza ***Paul Mizzi et v. David Seracino et*** deċiża fis-27 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti tal-Appell sabet li l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali hawn fuq

imsemmija hija tassattivament meħtieġa anke meta l-kuntratt ta' impjieg ikun jinkludi klawsola li tipprovdi għall-penali f'każ li l-impjegat itemm l-impjieg tiegħu. Il-qorti żiedet tgħid li l-**artikolu 26 tal-Kap 135 tal-Liġijiet ta' Malta** (li llum m'għadux fis-seħħ u li minnu ġie mislut l-**artikolu 19 tal-Kap 452**) kien japplika kemm għal multi imposti waqt li jkun għadu għaddej l-impjieg u kif ukoll għal multi li jidħlu fis-seħħ wara li jintemm l-impjieg. B'hekk f'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell ħadet pożizzjoni għalkollox differenti minn dik imħaddna fis-sentenzi ta' ***Mark Buġeja et v. Geoffrey Camilleri*** u ***Mark Buġeja et v. Mellyora Grech***;

32. Minkejja dan, jidher li f'ġurisprudenza aktar riċenti l-qrati tagħna reġgħu ħaddnu l-pożizzjoni stabbilita fis-sentenza ta' ***Mark Buġeja et v. Geoffrey Camilleri*** (ara s-sentenza ***Antonio Camilleri pro et noe v. Salvatore Sicurella***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ottubru, 2019 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-26 ta' Mejju, 2021 u s-sentenza ***Justin Attard et v. De La Rue Currency and Security Print Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 2021 – mhux appellata);

33. Issa fil-każ tagħna, il-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut, li tipprovdi għall-ħlas ta' danni ekwivalenti għal sena paga lill-kumpannija attriċi mingħand konvenut f'każ li l-kundizzjonijiet tagħha jiġu miksura, setgħet tidħol fis-seħħ biss matul il-perijodu ta' sena li ġie wara t-tmiem tal-impjieg li kellu l-konvenut mal-kumpannija attriċi;

34. Wara li ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, din il-qorti tgħid li hija mhix beħsieba titbiegħed mill-pożizzjoni meħuda fis-sentenzi l-aktar riċenti dwar is-suġġett inkwistjoni. Wara kollox, il-qorti taqbel ma' dak li ngħad fis-sentenza ta' ***Mark Buġeja et v. Geoffrey Camilleri*** għaliex minn kif inhuwa mfassal l-**artikolu 19 tal-Kap 452**, il-multi jistgħu jiġu mwaħħla minn min iħaddem minħabba xi għemil jew ommissjoni li jseħħ min-naħa tal-impjegat billi jsir tnaqqis tal-ammont ta' dik il-multa mill-paga tal-impjegat. Għalhekk jagħmel sens li dan l-artikolu għandu jsib l-applikazzjoni tiegħu sakemm l-impjegat ikun għadu fl-impjieg, għaliex wara li l-impjieg jiġi mitmum ma jkunx għadu aktar possibbli li l-imgħallem inaqqas il-paga ta' persuna li ma tkunx għadha taħdem għalih;

35. Ta' min isemmi wkoll, li fis-sentenza ta' ***Antonio Camilleri pro et noe v. Salvatore Sicurella***, hawn fuq imsemmija, il-qorti kienet innutat li r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali kien xehed f'dik il-kawża li d-dipartiment imsemmi ma jidħolx f'każijiet ta' danni prelikwidati. Ifisser b'hekk, li fis-sentenza ta' ***Mark Buġeja et v. Geoffrey Camilleri***, il-qorti ddeċidiet tajjeb li l-**artikolu 19 tal-Kap 452** ma japplikax meta s-sanzjoni miftiehma fil-kuntratt tal-impjieg tkun waħda li tieħu l-forma ta' danni likwidati minn qabel;

36. Għalhekk, (i) darba li l-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut setgħet tidħol fis-seħħ biss wara t-tmiem tal-impjieg li kellu l-konvenut mal-kumpannija attriċi, u (ii) darba wkoll li din il-klawsola kienet titkellem dwar danni likwidati minn qabel u mhux dwar multa, din il-qorti m'għandha l-ebda għażla għajr li ssib li l-**artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** ma japplikax għal din il-klawsola. Jiġi b'hekk, li biex din titniżżel fil-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut ma kienx hemm il-ħtieġa ta' approvazzjoni minn qabel tad-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

37. It-tielet eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

38. Madankollu, din il-qorti ma tistax ma tirrimarkax li forsi wasal iż-żmien li l-leġislatur iqis jekk jagħmilx aktar sens li l-awtorizzazzjoni tad-Direttur Ġenerali tinkiseb ukoll biex jiġu kkontrollati u mrażżna penali u danni prelikwidati maħluqa minn min iħaddem fejn għandu x'jaqsam ma' obbligi tal-ħaddiem wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu. Tassew, forsi huwa għaqli li l-leġislatur jaħsibha sew jekk huwiex fl-interess tal-ħaddiema li l-**Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** jiġi emendat fis-sens li klawsoli kuntrattwali dwar twaħħil ta' penali u/jew ħlas ta' danni prelikwidati għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, kemm fil-każijiet ta' ġrajjiet li jiġru waqt iż-żmien tal-impjieg, kif ukoll fil-każijiet ta' ġrajjiet li jseħħu wara t-tmiem tal-impjieg;

39. Din il-qorti għalhekk sejra tikkomunika din is-sentenza lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala l-ministeru responsabbli mill-impjiegi u relazzjonijiet industrijali u lill-Avukat tal-Istat sabiex jistudjaw jekk hemmx bżonn li jsiru xi tibidliet fil-liġi;

40. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenut fejn huwa qiegħed jgħid li l-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu hija nulla u invalida skont l-**artikolu 985 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** għaliex din tmur kontra l-ordni pubbliku minħabba li xxekkel il-kummerċ;

41. Qari tal-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut jurik li din il-klawsola tassew hija maħsuba biex għaż-żmien ta’ sena wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu mal-kumpannija attriċi, il-konvenut ikun imxekkel milli jagħmel negozju ma’ klijenti u fornituri tal-kumpannija attriċi, inkluż klijenti prospettivi tagħha;

42. Il-qorti tqis li dawn it-tip ta’ klawsoli mhumiex projbiti fis-sistema legali Maltija, basta: (i) li l-klawsola tkun waħda raġonevoli billi l-effett tagħha jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġu mħarsa l-interessi tal-prinċipal (ara fost l-oħrajn is-sentenzi ***Antonio Camilleri pro et noe v. Salvatore Sicurella***, Qorti tal-Maġistrati, 30 ta’ Ottubru, 2019; ***Mark Buġeja et v. Marvin Żammit***, Qorti tal-Maġistrati, 15 ta’ Jannar, 2020; u ***Alliance Yachting Company Limited v. Matthew Gusman***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta’ Ottubru, 2021); (ii) li l-klawsola ma tkunx miftuħa għal żmien li ma jagħlaqx (ara ***Attilio Vassallo Cesareo noe v. Anthony Cilia Pisani***, Appell Superjuri, 3 ta’ Marzu, 2006); u (iii) li l-ammont ta’ danni mniżżel fil-klawsola ma jkunx wieħed sproporzjonat u eċċessiv (ara ***Carmelo Żammit LaRosa v. Franco Facchetti***, Appell Kummerċjali, 15 ta’ Diċembru, 1961 u ***Joseph Xerri noe v. Brian Clarke***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta’ Lulju, 1969);

43. Il-klawsola 6 taqa’ taħt il-kategorija ta’ patti magħrufa bħala *post employment restraints*, li huma marbutin bil-limitazzjoni li jistgħu jitħallew isiru biss jekk kemm-il darba l-prinċipal ikun jeħtieġlu jħares l-interessi kummerċjali tiegħu, u li f’kull każ, dan ma jkunx bi ksur tal-ħarsien tal-jedd tal-impjegat għad-dritt li jaħdem b’mod produttiv (ara ***Paul Pisani noe v. Ruben Vella Bray***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta’ Ottubru, 1994). Dan ifisser li klawsoli ta’ din l-għamla mhux tabilfors jitqiesu bħala klawsoli li jxekklu l-kummerċ jew li joħonqu l-libertà kuntrattwali tal-parti li tintrabat bihom. Il-liġi nnifisha tqis li l-oġġett ta’ kuntratt jista’ jkun li waħda mill-partijiet tintrabat li ma tagħmilx xi ħaġa

(ara l-**artikolu 982(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Kif ingħad aktar 'il fuq, huwa meħtieġ li jintwera li l-effett ta' klawsola bħal dik ikun wieħed raġonevoli, fis-sens li l-klawsola ma tkunx iddaħħlet fil-ftehim fl-interess esklussiv ta' waħda biss mill-partijiet (ara ***Ramon Portelli v. Air Malta p.l.c.***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Marzu, 2013);

44. Din il-qorti tqis li safejn il-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut hija limitata għal perijodu ta' sena wara t-tmiem tal-impjieg tal-konvenut, din kien kienet waħda pjuttost raġonevoli;

45. Madankollu, din il-klawsola kienet maħsuba biex twaqqaf lill-konvenut milli jagħmel negozju ma' persuni li setgħu għamlu negozju mal-kumpannija attriċi waqt li huwa kien jaħdem magħha, liema persuni l-konvenut qatt ma qdihom u lanqas qatt ġew avviċinati minnu. Kif qieset il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Antonio Camilleri pro et noe v. Antonio Sicurella***, tas-26 ta' Mejju, 2021, *«Wieħed ma jistax jippretendi illi kif jiġri fi professjonijiet aktar regolati, bħal per eżempju fl-uffiċċji legali, l-appellat joqgħod jistaqsi lil kull persuna li tirfes fl-istabbiliment il-ġdid fejn mar jaħdem, jekk f'perijodu ta' żmien partikolari dawn kinux inqdew mill-istabbilimenti tal-appellant»*;

46. Sewwasew fil-każ tagħna, din il-qorti tħoss illi safejn il-klawsola 6 kienet tgħodd għal klijenti li l-konvenut ma kellux relazzjoni professjonali magħhom waqt l-impjieg tiegħu, fosthom klijenti li l-kumpannija attriċi qatt ma għamlet negozju magħhom għaliex dawn kienu biss klijenti prospettivi tagħha, din il-parti tal-klawsola hija waħda irraġonevoli u għalhekk ma tiswiex. Li kieku din il-qorti kellha tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha ta' din il-klawsola, is-sejbien tan-nullità tal-klawsola kien ikun limitat biss għal din il-parti tal-klawsola li effettivament tmur lil hinn minn dak raġonevolment meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi tal-kumpannija attriċi (ara f'dan is-sens ***Cutrico Services Ltd v. Josef Penza***, Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 2022);

47. Iżda, il-qorti, meta tqis li t-terminu tal-impjieg tal-konvenut skont il-kuntratt tiegħu kien biss dak ta' sentejn, hija ssib ukoll li s-sanzjoni ta' sena paga f'danni prelikwidati fil-każ ta' ksur tal-kundizzjoni tal-klawsola 6 hija waħda li hija wkoll irraġonevoli. Dan l-aktar

meta wieħed iqis li l-konvenut kien biss f'impjieg mal-kumpannija attriċi għal perijodu qasir ta' erba' xhur. Tassew, f'każ ta' ksur ta' din il-klawsola min-naħa tal-konvenut, is-sanzjoni ta' €9,600 f'danni prelikwidati imposta fuqu kienet sejra tkun waħda qawwija ħafna u ferm sproporzjonata, meta wieħed iqis li l-paga tiegħu fix-xahar kien biss dik ta' €800;

48. Minħabba f'hekk, darba li l-qorti waslet għall-fehma li l-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut hija waħda irraġonevoli, li ġġorr magħha kundizzjonijiet u effetti sproporzjonati, hija qiegħda ssib li din il-klawżola m'għandhiex torbot bejn il-partijiet. Dan hu hekk għaliex din il-klawsola kienet maħsuba biex taqta' saqajn il-konvenut u tagħmillu ħajtu ferm diffiċli sabiex huwa ma jkunx jista' jibda n-negozju tiegħu fil-qasam li xtaq hu;

49. B'hekk, f'dan is-sens, ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut qiegħda tintlaqa' u għaldaqstant, ladarba din il-qorti sabet li l-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut ma tiswiex, hija tista' tieqaf hawn fl-istħarriġ tagħha tar-raba' talba tal-kumpannija attriċi;

50. Madankollu lil hemm minn dan, din il-qorti ma tistax ma tikkummentax ukoll dwar il-fatt, li matul is-smigħ ta' din il-kawża, ma nġabet l-ebda ħjiel ta' prova li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fil-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu;

51. Ibda biex, kuntrarjament għal dak li tgħid il-kumpannija attriċi fir-rikors maħluf tagħha, mhuwiex minnu li l-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut kien iżommu milli jagħmel kuntatt ma' impjegati tal-kumpannija attriċi sabiex iħajjarhom jidħlu jaħdmu man-negozju tiegħu. Tassew, il-klawsola 6 tal-kuntratt ma ssemmi xejn dwar impjegati tal-kumpannija attriċi iżda tagħmel referenza biss għall-klijenti tagħha. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Lorenza Spiteri et v. George Debono et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju, 2004, huwa *«Veru li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt…iridu jiġu rispettati, però, dawn iridu jiġu rispettati fis-sostanza taghhom, u jekk, fl-assjem, dawk il-kundizzjonijiet ikunu qed jigu rispettati, m'għandux jinqala każ fuq xi nuqqas li, bażikament, ma jnaqqasx l-osservanza ta' dawk il-kundizzjonijiet.»*;

52. Terġa' u tgħid, il-kumpannija attriċi ma ressqet l-ebda prova li turi li n-negozju tal-konvenut iwettaq attivitajiet kummerċjali li jikkompetu ma' dawk tal-kumpannija attriċi;

53. Hekk ukoll, matul is-smigħ tal-provi, ma nġabet l-ebda prova li l-konvenut kien tassew kellem lil xi klijenti tal-kumpannija attriċi sabiex iwettaq negozju magħhom. Għalkemm Liran Ben-Ari, li huwa direttur tal-kumpannija attriċi, saħaq li l-konvenut kien ikkopja u ħa għalih informazzjoni kunfidenzjali dwar il-klijenti tal-kumpannija attriċi (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 88 tal-atti tal-kawża), il-provi dokumentarji li huwa ppreżenta ma jagħtu l-ebda ħjiel dwar dan. Id-dokumenti misjuba f'paġni 75 sa 77 tal-atti tal-kawża bl-ebda mod ma juru li l-konvenut kien ikkopja jew għandu f'idejh l-informazzjoni li hemm fihom. Terġa' u tgħid, il-kumpannija attriċi ma resqet l-ebda espert tal-informatika biex jispjega xi tfisser l-informazzjoni li hemm f'dawn id-dokumenti u kif din ġiet miġbura. L-uniku xiehda li għandha quddiemha din il-qorti hija dik ta' Liran Ben-Ari, li stqarr li huwa mhux espert tat-teknoloġija u tal-informatika (ara x-xiehda ta' Liran Ben-Ari f'paġna 110 tal-atti tal-kawża);

54. Minbarra dan, ir-reġistrazzjonijiet u t-traskrizzjonijiet taż-żewġ telefonati li ġew ippreżentati mill-kumpannija attriċi (ara paġni 78 u 80 sa 87 tal-atti tal-kawża), fl-ebda waqt ma juru li l-konvenut kien ipprova jikkomunika ma' klijenti tal-kumpannija attriċi sabiex jikseb in-negozju tagħhom. Għalkemm f'telefonata minnhom (ara t-traskrizzjoni tat-telefonata tal-21 ta' Frar, 2018 f'paġna 80 tal-atti tal-kawża), jinstema' klijent tal-kumpannija attriċi jilmenta li ċertu Gennaro Belforte (li kien il-*username* tal-konvenut meta kien impjegat tal-kumpannija attriċi) kien ingannah, dan ma jagħtix indikazzjoni dwar meta seta' seħħ dan. Lanqas it-telefonata l-oħra tat-18 ta' Lulju, 2017 (ara paġni 86 u 87 tal-atti tal-kawża) - din fl-ebda waqt ma tagħti x'tifhem li xi klijenta tal-kumpannija attriċi kienet ġiet mitkellma mill-konvenut jew minn xi impjegat tiegħu jew sieħeb tiegħu fin-negozju;

55. Għalhekk, anke li kieku wieħed kellu jqis li l-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut hija valida, din il-qorti ssib li l-kumpannija attriċi ma rnexxilhiex tipprova li l-konvenut għandu f'idejh xi informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi jew li huwa kellem lil xi klijenti jew klijenti prospettivi tagħha biex jiġbidhom lejn in-negozju tiegħu;

56. Fir-rikors maħluf tagħha l-kumpannija attriċi tallega wkoll li bl-aġir qarrieqi tiegħu l-konvenut kiser id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 1124A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, billi naqas li jħares l-obbligi fiduċjarji li huwa kellu lejha;

57. Il-kunċett tal-obbligi fiduċjarji ġie mislut mill-qrati tal-liġi komuni (*common law*) u ġie mħaddan fis-sistema legali tagħna flimkien mal-kunċett ta' *trusts*. Intqal fis-sentenza ***University of Nottingham v. Fishel*** [2000] ICR 1462, 1491, li ġiet mogħtija minn qorti tal-liġi komuni, li,

> *«the employment relationship is obviously not typically fiduciary at all. Its purpose is not to place the employee in a position where he is obliged to pursue his employer's interests at the expense of his own. The relationship is a contractual one and the powers imposed on the employee are conferred by the employer himself. The employee's freedom of action is regulated by the contract, the scope of his powers is determined by the terms of the contract and as a consequence, the employer can exercise considerable control over the employee's decision-making powers...[fiduciary obligations arise] not as a result of the mere fact that there is an employment relationship. Rather they result from the fact that within a particular contractual relationship there are specific contractual obligations (express or implied) which the employee has undertaken which have placed him in a situation where equity imposes these rigorous duties in addition to the contractual obligations. Where this occurs, the scope of the fiduciary obligations both arises out of and is circumscribed by the contractual terms".»*

58. Il-qorti tqis li l-obbligi fiduċjarji huma dovuti lill-kumpannija minn diretturi jew uffiċjali ta' kumpannija u mhux minn impjegat, irrispettivament mil-livell għoli tiegħu fl-istess kumpannija (ara ***Korbond Industries Ltd v. Jenkins*** [1992] 1 ERNZ 1141, fejn l-impjegat kien, «*senior managerial employee with overall supervision of a branch division and control of merchandisers*»). Hemm distinzjoni bejn min ikun jokkupa pożizzjoni għolja u bejn min ikollu f'idejh l-irwol li jieħu d-deċiżjonijiet, bħalma huma d-diretturi ta' kumpannija. Fil-każ imsemmi l-qorti ħasset li impjegat ta' livell għoli ma kellux obbligi ta' fiduċjarju lejn min jimpjegah;

59. Issa fil-każ tagħna, ma jirriżultax li l-konvenut kellu xi responsabbiltà li jfassal il-politika tal-kumpannija u lanqas li kien direttur tal-kumpannija attriċi. Anzi, skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, il-konvenut kien *customer service agent* u kellu paga li hija kemmxejn ogħla mill-paga minima. Għalhekk, meqjusa l-pożizzjoni baxxa li l-konvenut kellu mal-kumpannija attriċi, din il-qorti ma ssibx li l-konvenut kellu xi obbligi fiduċjarji lejn il-kumpannija attriċi u għalhekk żgur ma jistax jingħad li l-konvenut kiser id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 1124A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

60. B'hekk il-qorti sejra tgħaddi biex tilqa' t-tieni, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut, filwaqt li tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet tal-kumpannija attriċi;

61. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tilmenta wkoll li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tan-*Non-Disclosure Agreement* li huwa ffirma magħha fl-20 ta' Diċembru, 2016 u tippretendi li minħabba f'hekk huwa għandu jħallasha għad-danni li ġarrbet. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut jiċħad li huwa kiser xi kundizzjoni ta' dan il-ftehim iżda huwa ma ressaq l-ebda eċċezzjoni speċifika biex jindirizza din l-allegazzjoni;

62. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut saħaq li dan il-ftehim huwa null għaliex dakinhar li ffirma dan il-ftehim huwa kien ġie miżmum f'kamra minn uffiċjali tal-kumpannija attriċi u ġie sfurzat u mhedded biex jiffirmah, tant li huwa ma tħalliex joħroġ minn dik il-kamra qabel ma ħarbex il-firma tiegħu fuq il-ftehim (ara wkoll l-affidavit ta' Gennaro Lanza f'paġni 118 u 119 tal-atti tal-kawża). Min-naħa l-oħra, il-kumpannija attriċi tiċħad dan kollu;

63. Din il-qorti sejra toqgħod lura milli tidħol fil-kwistjoni dwar is-siwi tan-*Non-Disclosure Agreement* u dwar jekk kienx hemm nuqqas ta' kunsens min-naħa tal-konvenut biex huwa jidħol f'dan il-ftehim. Wara kollox, il-konvenut ma ressaq l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens;

64. Imma anke kieku stess, għall-istess raġunijiet li wasslu lil din il-qorti għall-konklużjoni li l-konvenut ma kisirx il-klawsola 6 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, din il-qorti tgħid li lilha ma rriżultalhiex mill-ġabra tal-provi li l-kumpannija attriċi rnexxielha tipprova li l-

konvenut: (i) kixef jew żamm maħżuna għalih xi informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi, jew li qasam informazzjoni bħal din ma' xi ħadd; (ii) qasam ma' terzi, informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija li ġiet komunikata lilu jew użata minnu, mingħajr il-kunsens tal-kumpannija attriċi; (iii) uża informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija attriċi għall-gwadann personali tiegħu b'tali mod li għamel ħsara lill-istess kumpannija; jew (iv) daħal f'negozju jew impjega ruħu mal-klijenti imsemmija fl-Anness A, li ġie mehmuż mal-ftehim;

65. Il-kumpannija attriċi ma rnexxielha tressaq l-ebda prova biex tikkonvinċi lill-qorti li l-konvenut kiser xi waħda minn dawn l-obbligi u kundizzjonijiet u għalhekk hija sejra tiċħad ukoll is-sitt u s-seba' talbiet tagħha;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** it-tielet eċċezzjoni ta' Gennaro Lanza għaliex ZP Services Limited ma kinitx teħtieġ l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex hija tinkludi l-klawsola 6 fil-kuntratt tal-impjieg tal-konvenut;

ii. **<u>Tilqa'</u>** r-raba' eċċezzjoni ta' Gennaro Lanza fis-sens biss li qiegħda tiddikjara li l-klawsola 6 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma tiswiex u ma torbotx bejn il-partijiet minħabba li din iġġib magħha kundizzjonijiet u effetti sproporzjonati fuq il-konvenut; u

iii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' talbiet ta' ZP Services Limited u fl-istess waqt **<u>tilqa'</u>** t-tieni, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet ta' Gennaro Lanza għaliex issib li l-konvenut la kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu skont il-kuntratt tal-impjieg tal-10 ta' Awwissu, 2016 u lanqas kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu skont in-*Non-Disclosure Agreement* tal-20 ta' Diċembru, 2016;

Fl-aħħar nett, peress li ZP Services Limited hija l-parti telliefa f'din il-kawża, il-qorti qiegħda **tordna** li din għandha tbati l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża;

Kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata, bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru bħala l-ministeru responsabbli mill-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u lill-Avukat tal-Istat sabiex iqisu jekk hemmx lok li jkun hemm tibdil fil-liġi fejn għandu x'jaqsam ma' twaħħil ta' penali u/jew ma' danni prelikwidati dwar ġrajjiet li jiġru wara li jintemm il-kuntratt tal-impjieg.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**